


# *Tajjeb Nibqgħu Niftakru ...*



L-antenati tagħna dejjem ħasbu biex għall-festa titulari ta' Santa Katarina V.M. jarmaw lir-raħal tagħna bl-isbaħ u l-ifjen armar li jixraq lil Patruna tagħna, minkejja t-temp qalil li jġib miegħu x-xahar ta' Novembru. Sa minn żmien l-Ordni ta' San Ġwann insibu dokumenti fejn juru li ż-Żrieraq kienu jġibu xi bnadar u lanterni mix-xwieni tal-Ordni sabiex jarmawhom fiċ-ċentru tar-raħal.

Fl-1899, proprju **123 sena ilu**, Malta kollha kienet fuq ix-xwiek sabiex tara opra tal-armar ġdida. Il-kobor ta' din l-opra ħadd qatt qabel ma kien għadu ra bħalha fl-armar tat-toroq Maltin. Qiegħed nitkellem fuq l-istatwi tal-Martirju ta' Santa Katarina V.M., jew kif aħna l-Palmisti nsibuha "ir-Rota". Opra tal-arti l-ġmiel tagħha mgħonija **b'għaxar statwi** u l-makkinarju tar-rota bix-xfafar xogħol l-istatwarju Vincenzo Maria Cremona. Malli tħares lejn din l-opra, fiss jiġi f'moħħok il-kapulavur ta' Mattia Preti, il-kwadru titulari li jinsab fil-Knisja Matriċi u Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. Matul is-snin din ġiet irrestawrata kemm-il darba u anka mżejna aktar bħal meta fl-1972 sar ir-rinovar tal-pedestall tagħha, fuq disinn ta' Salvu Bugeja meta din bdiet tintrama f'tarf Triq Mons. Pietru Pawl Saydon minflok fil-pjazza ewlenija ta' raħalna.

Semmejna l-pjazza u ma nistgħux ma nsemmux opra oħra li tintrama hawnhekk, kapulavur ieħor uniku għal raħalna. Qiegħed nitkellem fuq il-pedestall u l-vara li tirrappreżenta d-Disputa ta' Santa Katarina mal-Filosfi. Biċċa xogħol li saret lejn is-sena **1900** minn idejn l-istatwarju Vincenzo Maria Cremona, fejn din kienet u għadha l-**unika vara tad-dimostrazzjoni** ġewwa raħalna. Lejn nofs is-seklu l-ieħor sarilha wkoll pedestall mill-isbaħ fuq disinn ta' Manwel Buhagiar. Ta' min ifakkar ukoll li din l-istatwa flimkien mas-sett ta' 8 filosfi u l-pedestalli tagħhom kienu jintramaw ġewwa Strada Rjali qabel ma nfetħet it-triq ta' quddiem il-knisja u Misraħ Mattia Preti. Dan huwa sett uniku għall-festi Maltin fejn minflok tara statwa ta' qaddis jew xi anġlu individwali trid tara s-sett kollu komplut biex jagħmel sens.

Hekk kif issemmi Misraħ Mattia Preti, ma tistax ma tiftakarx fil-pedestall il-Kbir tal-Papa li sar fis-sena **2005**. Sena li kienet immarkata biċ-ċentinarju l-Kbir tal-1700 mill-martirju ta' Santa Katarina V.M. u bil-mewt tal-Papa San Ġwanni Pawlu II. Għalhekk kienet is-sena opportuna sabiex nżewġu dan iċ-ċentinarju l-kbir u

t-tifkira ta' dan il-Papa Qaddis, il-Papa li reġa' daħħal **25 ta' Novembru** fil-Kalendarju Universali Ruman bħala **Jum Santa Katarina V.M.** u xejjen darba għal dejjem lil dawk il-ftit li b'malizja lejn il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. kienu jinterpretaw ħażin apposta l-Konċilju Vatikan II. Pedestall li trid seba' għajnejn biex tarah li sar fuq disinn ta' Jeremy Cachia. Pedestall għoli mdawwar b'erba' anġli li jiġi nkurunat b'żewġ statwi xogħol Michael Camilleri Cauchi li jirrappreżentaw il-laqgħa ta' San Ġwanni Pawlu t-Tieni ma' Santa Katarina V.M. ġewwa l-ġenna.



Mhux wieħed imma **TLIET pedestalli**, tliet kapolavuri, maħduma mill-aqwa artisti ta' żminijiethom. Artisti magħżula b'reqqa mhux b'għaġla. Xogħol ta' kalibru li jagħmel ġieħ lill-festa tagħna. Importanti li napprezzaw dak kollu li għandna fil-festa tagħna. Għalhekk tajjeb nibqgħu niftakru u ngħożżu l-għaqal u d-determinazzjoni ta' missirjietna, f'kemm ħadmu, rsistew u bagħtew biex il-Festa Titulari tkun mżejna bl-ifjen armar. Mingħajr ma qagħdu jieħdu eżempji mingħand ħadd. Kienu huma li ħolmu u kienu huma li wettqu. Mhux ta' b'xejn waqt il-marċ Supremazija nkantaw minn qalbna: **"Xi ġmiel ta' triq, b'dana l-armar, jintrama darba fis-sena, fit-TITULAR!"**

